SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

18 ta' Diċembru 2025*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Suq intern tal-elettriku – Regolament (UE) 2022/1854 – Intervent ta' emerġenza sabiex jiġu indirizzati l-prezzijiet għoljin tal-enerġija – Il-punti 5 u 9 tal-Artikolu 2 – Artikoli 6 sa 8 – Limitu massimu fuq id-dħul mis-suq miksub mill-produtturi tal-elettriku li jużaw ċerti sorsi ta' enerġija – Determinazzjoni tad-'dħul mis-suq' – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-użu ta' preżunzjonijiet kemm inkonfutabbli, kif ukoll konfutabbli permezz ta' preżunzjonijiet oħra – Prinċipju ta' proporzjonalità – Artikolu 22(2)(c) – Perijodu ta' applikazzjoni tal-Artikoli 6 sa 8 ta' dan ir-regolament – Applikazzjoni ta' miżura ta' limitu massimu tad-dħul għal perijodu preċedenti għal dak previst mill-imsemmi regolament, skont leġiżlazzjoni nazzjonali adottata wara d-dħul fis-seħħ tal-istess regolament – Prinċipji ta' supremazija u ta' effettività tad-dritt tal-Unjoni – Prinċipju ta' kooperazzjoni leali"

Fil-Kawża C-633/23,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-cour d'appel de Bruxelles (il-Qorti tal-Appell ta' Brussell, il-Belġju), permezz ta' deċiżjoni tat-18 ta' Ottubru 2023, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-23 ta' Ottubru 2023, fil-proċedura

Electrabel SA,

Fédération Belge des Entreprises Électriques et Gazières ASBL,

Organisatie voor Duurzame Energie Vlaanderen ASBL,

Wind4wallonia 2 SA,

Luminus SA,

EDF Belgium SA,

ActiVent Wallonie SCRL,

Eol'Wapi SA,

Lumiwind SC,

Luminus Wind Together SC

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

vs

Commission de Régulation de l'Électricité et du Gaz (CREG)

fil-preżenza ta':

L-Istat Belġjan

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn I. Jarukaitis (Relatur), President tal-Awla, M. Condinanzi u N. Jääskinen, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: A. Rantos,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Electrabel SA, minn X. Taton, avocat, u minn H. Vanhulle, advocaat,

– għall-Fédération Belge des Entreprises Électriques u Gazières ASBL, għall-Organisatie voor Duurzame Energie Vlaanderen ASBL u għal Wind4Wallonia 2 SA, minn D. Verhoeven, avocat,

– għal Luminus SA, għal EDF Belgium SA, għal ActiVent Wallonie SCRL, għal Eol'Wapi SA, għal Lumiwind SC u għal Luminus Wind Together SC, minn D. Verhoeven, avocat,

– għall-Commission de Régulation de l'Électricité u du Gaz (CREG), minn G. Block, M. Vandersmissen u K. Wauters, advocaten,

– għall-Gvern Belġjan, minn P. Cottin, M. Jacobs u C. Pochet, bħala aġenti, assistiti minn K. Decroix u B. Martel, advocaten,

– għall-Gvern Elleniku, minn K. Boskovits u C. Kokkosi, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn O. Beynet u T. Scharf, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-27 ta' Frar 2025,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 6 sa 8 u tal-Artikolu 22 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1854 tas-6 ta' Ottubru 2022 dwar intervent ta' emerġenza biex jiġu indirizzati l-prezzijiet għoljin tal-enerġija (ĠU 2022, L 261 I, p. 1), moqrija

flimkien mal-punti 5 u 9 tal-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament, mal-Artikolu 6 TUE, mal-Artikolu 288 TFUE kif ukoll mal-prinċipji ta' proporzjonalità, ta' supremazija, ta' effettività u ta' kooperazzjoni leali.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tliet tilwimiet bejn, minn naħa, l-ewwel nett, Electrabel SA, it-tieni nett, il-Fédération Belge des Entreprises Électriques u Gazières ASBL, l-Organizatie voor Duurzame Energie Vlaanderen ASBL kif ukoll Wind4Wallonia 2 SA (iktar 'il quddiem, meħuda flimkien, il-"FEBEG *et*") u, it-tielet nett, Luminus SA, EDF Belgium SA, ActiVent Wallonie SCRL, Eol'Wapi SA, Lumiwind SC kif ukoll Luminus Wind Together SC (iktar 'il quddiem, meħuda flimkien, "Luminus *et*") (iktar 'il quddiem, kollha meħuda flimkien, ir-"rikorrenti fil-kawża prinċipali") u, min-naħa l-oħra, il-Commission de Régulation de l'Électricité et du Gaz (CREG) (il-Kummissjoni Regolatorja tal-Elettriku u tal-Gass, il-Belġju, iktar 'il quddiem il-"KREG") dwar il-legalità tad-deċiżjoni ta' din tal-aħħar, tat-28 ta' Frar 2023, li tirrigwarda l-mudell ta' dikjarazzjoni li għandha tiġi ppreżentata mid-debituri tal-imposta stabbilita fil-kuntest tal-limitu massimu fuq id-dħul mis-suq tal-produtturi tal-elettriku (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni tat-28 ta' Frar 2023").

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

It-Trattat UE

3 Skont l-Artikolu 4(3) TUE:

"Skond il-prinċipju tal-koperazzjoni leali, l-Unjoni [Ewropea]u l-Istati Membri għandhom, f'rispett reċiproku sħiħ, jgħinu lil xulxin fit-twettiq tal-kompiti li joħorġu mit-Trattati.

L-Istati Membri għandhom jieħdu kull miżura ġenerali jew partikolari xierqa sabiex jassiguraw li l-obbligi li joħorġu mit-Trattati jew li jirriżultaw mill-atti ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni jitwettqu.

L-Istati Membri għandhom jgħinu lill-Unjoni sabiex twettaq il-kompiti tagħha u joqogħdu lura minn kwalunkwe miżura li tista' tqiegħed f' periklu l-kisba ta' l-objettivi ta' l-Unjoni."

4 L-Artikolu 6 TUE jipprovdi:

"1. L-Unjoni tirrikonoxxi d-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea [(iktar 'il quddiem il-"Karta")], li għandha jkollha l-istess valur legali bħat-Trattati.

Id-dispożizzjonijiet ta' din il-Karta m'għandhom bl-ebda mod jestendu l-kompetenzi ta' l-Unjoni kif definiti mit-Trattati.

Id-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji dikjarati fil-Karta għandhom jiġu interpretati skond id-dispożizzjonijiet ġenerali tat-Titolu VII tal-Karta li jirregolaw l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tagħha u b'kont debitu meħud ta' l-ispjegazzjonijiet imsemmija fil-Karta, li jindikaw is-sorsi ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

2. L-Unjoni għandha taderixxi għall-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali. Din l-adeżjoni m'għandhiex taffettwa l-kompetenzi ta' l-Unjoni kif definiti mit-Trattati.

3. Id-drittijiet fundamentali, kif iggarantiti mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, u kif jirriżultaw mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri, għandhom jagħmlu parti mill-prinċipji ġenerali tad-dritt ta' l-Unjoni."

It-Trattat FUE

5 It-tieni paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE huwa fformulat kif ġej:

"Regolament għandu jkollu applikazzjoni ġenerali. Ikun jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha."

Ir-Regolament 2022/1854

6 Il-premessi 1, 5, 28, 30 u 37 tar-Regolament 2022/1854 kienu jistipulaw:

"(1) Minn Settembru 2021 ġew osservati prezzijiet għoljin ħafna fis-swieq tal-elettriku. [...] L-eskalazzjoni tal-gwerra ta' aggressjoni ta[l-Federazzjoni ta]r-Russja kontra l-Ukrajna [...], minn Frar 2022 wasslet għal tnaqqis sinifikanti fil-provvisti tal-gass. Il-gwerra ta' aggressjoni ta[l-Federazzjoni ta]r-Russja kontra l-Ukrajna kkawżat ukoll inċertezza rigward il-provvista ta' prodotti primarji oħra, bħall-faħam iebes u l-petroleum grezz, li jintużaw minn impjanti li jiġġeneraw l-enerġija. Dan irriżulta f'żidiet addizzjonali sostanzjali u f'volatilità fil-prezz tal-elettriku.

[...]

(5) L-Istati Membri kollha ġew affettwati b'mod negattiv mill-kriżi attwali tal-enerġija, għalkemm b'mod differenti. [...]

[...]

(28) [...] iż-żieda estrema u dejjiema fil-prezzijiet osservata minn Frar 2022 'l hawn hija ferm differenti minn sitwazzjoni normali tas-suq ta' livelli massimi okkażjonali tal-prezzijiet. [...]

[...]

(30) Il-limitu massimu fuq id-dħul mis-suq jenħtieġ li jiġi stabbilit fuq id-dħul mis-suq aktar milli fuq id-dħul totali tal-ġenerazzjoni [...], sabiex ikun evitat impatt sinifikanti fuq il-profittabbiltà mistennija inizjali ta' proġett. Irrispettivament mill-forma kuntrattwali ta' kif iseħħ il-kummerċ tal-elettriku, il-limitu massimu fuq id-dħul mis-suq jenħtieġ li japplika biss għad-dħul mis-suq realizzat. Dan hu neċessarju biex tkun evitata ħsara lill-produtturi li effettivament mhumiex jibbenefikaw mill-prezzijiet għoljin attwali tal-elettriku għaliex kienu ħħeġġjaw id-dħul tagħhom kontra l-fluttwazzjonijiet fis-suq tal-elettriku bl-ingrossa. Għalhekk, sa fejn l-obbligi kuntrattwali eżistenti jew futuri [...]

iwasslu għal dħul mis-suq mill-produzzjoni tal-elettriku sal-livell tal-limitu massimu fuq id-dħul mis-suq, jenħtieġ li dan id-dħul jibqa' ma jiġix affettwat minn dan ir-Regolament. [...]

[...]

(37) Sabiex jiġi żgurat infurzar effettiv tal-limitu massimu fuq id-dħul mis-suq, il-produtturi, l-intermedjarji u l-parteċipanti rilevanti fis-suq jenħtieġ li jipprovdu d-data neċessarja lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u, fejn xieraq, lill-operaturi tas-sistema u lill-operaturi nominati tas-suq tal-elettriku. Minħabba l-għadd kbir ta' tranżazzjonijiet individwali li għalihom l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jiżguraw l-infurzar tal-limitu massimu fuq id-dħul mis-suq, dawk l-awtoritajiet jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jużaw stimi raġonevoli għall-kalkolu tal-limitu massimu fuq id-dħul mis-suq."

7 Skont l-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament, bit-titolu "Suġġett u kamp ta' applikazzjoni":

"Dan ir-Regolament jistabbilixxi intervent ta' emerġenza biex jittaffew l-effetti tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija permezz ta' miżuri eċċezzjonali, immirati u limitati fiż-żmien. Dawk il-miżuri għandhom l-għan li jnaqqsu l-konsum tal-elettriku, jintroduċu limitu fuq id-dħul mis-suq li ċerti produtturi jirċievu mill-ġenerazzjoni tal-elettriku u jqassmu mill-ġdid lill-klijenti finali tal-elettriku, [...]"

8 L-Artikolu 2 tal-imsemmi regolament, bit-titolu "Definizzjonijiet", kien ifformulat kif ġej:

"Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, [...]japplikaw ukoll id-definizzjonijiet li ġejjin:

[...]

(5) 'dħul mis-suq' tfisser introjtu realizzat li produttur jirċievi bi skambju għall-bejgħ u l-konsenja tal-elettriku fl-Unjoni, irrispettivament mill-forma kuntrattwali li biha jsir dan l-iskambju, inkluż ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija u operazzjonijiet oħra ta' ħħeġġjar kontra l-fluttwazzjonijiet fis-suq tal-elettriku bl-ingrossa u bl-esklużjoni tas-sostenn mogħti mill-Istati Membri;

[...]

(9) 'surplus tad-dħul [dħul eċċessiv] tfisser differenza pożittiva bejn id-dħul mis-suq tal-produtturi għal kull [megawatt siegħa (MWh)] ta' elettriku u l-limitu massimu fuq id-dħul mis-suq ta' EUR 180 għal kull MWh ta' elettriku previst fl-Artikolu 6(1);

[...]"

9 L-Artikolu 6 tal-istess regolament, bit-titolu "Limitu massimu obbligatorju fuq id-dħul mis-suq", kien jipprevedi:

"1. Id-dħul mis-suq tal-produtturi miksub mill-ġenerazzjoni tal-elettriku mis-sorsi msemmija fl-Artikolu 7(1) għandu jkun limitat għal massimu ta' EUR 180 għal kull MWh ta' elettriku prodott.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-limitu massimu fuq id-dħul mis-suq ikun japplika għad-dħul kollu mis-suq tal-produtturi u, fejn rilevanti, l-intermedjarji li jipparteċipaw fis-swieq tal-operaturi tal-elettriku f'isem il-produtturi, irrispettivament mill-perijodu taż-żmien tas-suq meta ssir it-tranżazzjoni u minn jekk l-elettriku jiġix negozjat bilateralment jew f'suq ċentralizzat.

3. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ miżuri effettivi biex jipprevjenu ċ-ċirkomvenzjoni tal-obbligi fuq il-produtturi skont il-paragrafu 2. B'mod partikolari, huma għandhom, b'mod partikolari, jiżguraw li l-limitu massimu fuq id-dħul mis-suq jiġi applikat b'mod effettiv f'każijiet fejn il-produtturi huma kkontrollati minn, jew huma parzjalment il-proprjetà ta', impriżi oħra, partikolarment fejn huma jkunu parti minn impriża integrata vertikalment.

4. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu jekk japplikawx il-limitu massimu fuq id-dħul mis-suq fis-saldu tal-iskambju tal-enerġija jew wara.

5. Il-Kummissjoni [Ewropea] għandha tipprovdi gwida lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta'dan l-Artikolu."

10 L-Artikolu 7 tar-Regolament 2022/1854, bit-titolu "Applikazzjoni tal-limitu massimu fuq id-dħul mis-suq tal-produtturi tal-elettriku" kien jipprovdi:

"1. Il-limitu massimu fuq id-dħul mis-suq previst fl-Artikolu 6 għandu japplika għad-dħul mis-suq miksub mill-bejgħ tal-elettriku ġġenerat mis-sorsi li ġejjin:

(a) l-enerġija mir-riħ;

(b) l-enerġija solari (solari termali u fotovoltajka solari);

(c) l-enerġija ġeotermali;

(d) l-idroenerġija mingħajr ġibjuni;

(e) il-fjuwils tal-bijomassa (fjuwils tal-bijomassa solidi jew gassużi) għajr il-bijometan;

(f) l-iskart;

(g) l-enerġija nukleari;

(h) il-linjite;

(i) prodotti tal-petroleum grezz;

(j) pit.

2. Il-limitu massimu fuq id-dħul mis-suq previst fl-Artikolu 6(1) ma għandux japplika għal proġetti ta' dimostrazzjoni jew għal produtturi li d-dħul tagħhom għal kull MWh ta' elettriku ġġenerat ikun diġà limitat bħala riżultat ta' miżuri Statali jew pubbliċi mhux adottati skont l-Artikolu 8.

3. L-Istati Membri jistgħu, b'mod partikolari f'każijiet fejn l-applikazzjoni tal-limitu massimu fuq id-dħul mis-suq previst fl-Artikolu 6(1) twassal għal piż amministrattiv sinifikanti, jiddeċiedu li

l-limitu massimu fuq id-dħul mis-suq ma jkunx japplika għall-produtturi li jiġġeneraw l-elettriku f'faċilitajiet tal-ġenerazzjoni tal-enerġija b'kapaċità installata sa 1 MW. [...]

[...]

6. Il-produtturi, l-intermedjarji u l-parteċipanti rilevanti tas-suq, kif ukoll l-operaturi tas-sistema fejn rilevanti, għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u fejn rilevanti, lill-operaturi tas-sistema u operaturi nominati tas-suq tal-elettriku, id-data kollha neċessarja għall-applikazzjoni tal-Artikolu 6, inkluż dwar l-elettriku prodott u d-dħul mis-suq relatat, irrispettivament mill-perijodu ta' żmien tas-suq li fih isseħħ it-tranżazzjoni u minn jekk l-elettriku jiġix innegozjat bilateralment, fi ħdan l-istess impriża jew inkella f'suq ċentralizzat."

11 Skont l-Artikolu 8 ta' dan ir-regolament, bit-titolu "Miżuri nazzjonali ta' kriżi":

"1. L-Istati Membri jistgħu:

(a) iżommu jew jintroduċu miżuri li jillimitaw aktar id-dħul mis-suq tal-produtturi li jiġġeneraw l-elettriku mis-sorsi elenkati fl-Artikolu 7(1), inkluż il-possibbiltà li ssir distinzjoni bejn it-teknoloġiji, kif ukoll id-dħul mis-suq ta' parteċipanti oħra fis-suq, inklużi dawk attivi fil-kambju tal-elettriku;

[...]

(c) iżommu jew jintroduċu miżuri nazzjonali biex jillimitaw id-dħul mis-suq tal-produtturi li jiġġeneraw l-elettriku minn sorsi mhux imsemmija fl-Artikolu 7(1);

[...]

2. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom, f'konformità ma' dan ir-Regolament:

(a) ikunu proporzjonati u mhux diskriminatorji;

(b) ma jipperikolawx is-sinjali ta' investiment;

(c) jiżguraw li l-investimenti u l-ispejjeż operattivi jkunu koperti;

(d) ma jfixklux il-funzjonament tas-swieq tal-operaturi tal-elettriku, u b'mod partikolari, ma jaffettwawx l-ordni tal-mertu u l-formazzjoni tal-prezzijiet fis-suq tal-operaturi;

(e) ikunu kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni."

12 L-Artikolu 22 tal-imsemmi regolament, bit-titolu "Dħul fis-seħħ u applikazzjoni", kien jipprevedi:

"1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Mingħajr preġudizzju għall-obbligu li tiġi żgurata d-distribuzzjoni tas-surplus tad-dħul [dħul eċċessiv] f'konformità mal-Artikolu 10, u li jintużaw ir-rikavati mill-kontribuzzjoni temporanja ta' solidarjetà f'konformità mal-Artikolu 17, u mingħajr preġudizzju għall-obbligu ta' rapportar imsemmi fl-Artikolu 20(2), dan ir-Regolament għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2023, soġġett għal dan li ġej:

[...]

(c) l-Artikoli 6, 7, u 8 għandhom japplikaw mill-1 ta' Diċembru 2022 sat-30 ta' Ġunju 2023;

[...]"

Id-dritt Belġjan

Il-Liġi dwar l-Elettriku

13 L-Artikolu 22b tal-loi relative à l'organisation du marché de l'électricité, du 29 avril 1999 (il-Liġi dwar l-Organizzazzjoni tas-Suq tal-Elettriku, tad-29 ta' April 1999) (*Moniteur belge* tal-11 ta' Mejju 1999, p. 16264), fil-verżjoni tagħha li tirriżulta mil-loi modifiant la loi relative à l'organisation du marché de l'électricité et introduisant un plafond sur les recettes issues du marché des producteurs d'électricité, du 16 décembre 2022 (il-Liġi li Temenda l-Liġi dwar l-Organizzazzjoni tas-Suq tal-Elettriku u li Tintroduċi Limitu Massimu fuq id-Dħul mis-Suq tal-Produtturi tal-Elettriku, tas-16 ta' Diċembru 2022 (*Moniteur belge* tat-22 ta' Diċembru 2022, p. 98819), applikabbli għat-tilwima fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar l-Elettriku"), jipprevedi:

"(1) Dan l-artikolu jistabbilixxi limitu massimu fuq id-dħul mis-suq tal-produtturi tal-elettriku, permezz ta' imposta favur l-Istat fuq id-dħul eċċessiv miksub bejn l-1 ta' Awwissu 2022 u t-30 ta' Ġunju 2023 mid-debituri msemmija fil-paragrafu 2.

(2) L-imposta għandha tkun dovuta minn:

1. kull persuna fiżika jew ġuridika li tkun, matul il-perijodu msemmi fil-paragrafu 1, injettat l-elettriku fin-network ta' trażmissjoni, f'network li għandu funzjoni ta' trażmissjoni, f'network (magħluq) ta' distribuzzjoni, f'network magħluq industrijali, f'network ta' trazzjoni ferrovjarja jew f'linja diretta, permezz ta' impjant tal-ġenerazzjoni tal-elettriku li jinsab fil-Belġju li jkun taqa' taħt waħda mit-teknoloġiji elenkati fl-Artikolu 7[(1)] tar-Regolament [2022/1854], b'kapaċità installata minima ta' 1 MW;

2. kull operatur nukleari [...] ;

3. kull kumpannija kontributorja [...] ;

4. kull proprjetarju tal-impjant nukleari msemmi fl-Artikolu 4/1 tal-loi du 31 janvier 2003 sur la sortie progressive de l'énergie nucléaire à des fins de production industrielle d'électricité (il-Liġi tal-31 ta' Jannar 2003 dwar it-Twaqqif Progressiv tal-Enerġija Nukleari Għal Finijiet ta' Ġenerazzjoni Industrijali tal-Elettriku [*Moniteur belge* tat-28 ta' Frar 2003, p. 9879].

B'deroga mis-subparagrafu 1, l-imposta ma għandhiex tkun dovuta mill-komunitajiet tal-enerġija ċittadini u mill-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli, jew mill-komunitajiet ekwivalenti msemmija mil-leġiżlazzjonijiet reġjonali, bil-kundizzjoni li d-dħul eċċessiv jiġi ttrasferit direttament lill-konsumaturi li jkunu membri ta' dawk il-komunitajiet.

(3) L-imposta dovuta mid-debitur imsemmi fil-paragrafu 2 għandha tkun ugwali għal 100 % tad-dħul eċċessiv.

Id-dħul eċċessiv jirrappreżenta d-differenza pożittiva bejn id-dħul mis-suq u l-limitu massimu fuq id-dħul mis-suq kif stabbilit skont il-paragrafu 4, ikkalkolat għal kull tranżazzjoni ta' bejgħ tal-elettriku f'MWh ikkunsinnati matul il-perijodu msemmi fil-paragrafu 1, u għal kull impjant ta' ġenerazzjoni tal-elettriku li jinsab fil-Belġju li jkun taqa' taħt waħda mit-teknoloġiji elenkati fl-Artikolu 7[(1)] tar-Regolament [2022/1854], b'kapaċità installata minima ta' 1 MW.

Id-dħul eċċessiv għandu jitqies bħala li jkun żero meta l-elettriku mibjugħ fis-suq ikun ġie ġġenerat minn impjant tal-ġenerazzjoni tal-elettriku li jkun suġġett għal mekkaniżmu ta' għajnuna għall-ġenerazzjoni li taħtu d-dħul mis-suq ikun limitat minn awtorità kompetenti.

(4) Il-limitu massimu fuq id-dħul mis-suq għandu jkun ta' EUR 130 għal kull MWh ta' elettriku.

[...]

(5) Id-dħul mis-suq għandu jkun id-dħul miksub, għal kull tranżazzjoni, mid-debitur imsemmi fil-paragrafu 2 inkambju għall-bejgħ u għall-kunsinna tal-elettriku matul il-perijodu msemmi fil-paragrafu 1, irrispettivament mill-forma kuntrattwali li taħtha jseħħ dan l-iskambju, inklużi l-kuntratti ta' xiri tal-elettriku u tranżazzjonijiet oħra ta' kopertura kontra l-varjazzjonijiet fis-suq tal-elettriku bl-ingrossa, bl-esklużjoni ta' kull għajnuna jew sussidju mogħtija minn awtorità pubblika.

Sabiex jiġi ddeterminat id-dħul mis-suq imsemmi fis-subparagrafu 1, għandhom japplikaw il-preżunzjonijiet li ġejjin:

1. għall-impjanti nukleari msemmija fil-loi du 11 avril 2003 sur la contribution de répartition (il-Liġi tal-11 ta' April 2003 dwar il-Kontribuzzjoni ta' Tqassim [*Moniteur belge* tal-15 ta' Lulju 2003, p. 37954], id-dħul mis-suq għandu jiġi kkalkolat għal kull impjant konformement mat-Taqsima 3 tal-Anness tal-Liġi tal-11 ta' April 2003 dwar il-Kontribuzzjoni ta' Tqassim, kif emendata bil-loi du 25 décembre 2016 portant modifications de la loi du 11 avril 2003 sur les provisions constituées pour le démantèlement des centrales nucléaires et pour la gestion des matières fissiles irradiées dans ces centrales et de la loi du 29 avril 1999 relative à l'organisation du marché de l'électricité (il-Liġi tal-25 ta' Diċembru 2016 Li Temenda l-Liġi tal-11 ta' April 2003 dwar il-Provvedimenti Stabbiliti għad-Dekummissjonar tal-Impjanti Nukleari u għall-Ġestjoni tal-Materjal Fissili Rradjat f'Dawn l-Impjanti u l-Liġi tad-29 ta' April 1999 dwar l-Organizzazzjoni tas-Suq tal-Elettriku [*Moniteur belge* tad-29 ta' Diċembru 2016, p. 90988], filwaqt li huwa mifhum li:
   (a) il-volum ta' elettriku mibjugħ b'kuntratt ta' provvista fil-futur għandu jitqies li kien is-suġġett ta' tranżazzjoni f'kull ġurnata li fiha kwotazzjoni ta' kull ġurnata għal prodott baseload kalendarju tkun ġiet ippubblikata mill-pjattaforma ta' skambju ta' blokok tal-enerġija msemmija fit-Taqsima 3 ċċitata iktar 'il fuq;
   (b) il-volum ta' elettriku mibjugħ fis-suq mil-lum għal għada għandu jitqies li kien is-suġġett ta' tranżazzjoni għal kull perijodu ta' kunsinna ta' siegħa għall-volum fis-siegħa kkonċernat;

2. għall-impjant nukleari msemmi fl-Artikolu 4/1 tal-Liġi tal-31 ta' Jannar 2003 dwar it-Twaqqif Progressiv tal-Enerġija Nukleari Għal Finijiet ta' Ġenerazzjoni Industrijali tal-Elettriku, id-dħul mis-suq għandu jiġi kkalkolat konformement mas-subparagrafu 3 tal-Artikolu 4/1(2) tal-Liġi tal-31 ta' Jannar 2003 dwar it-Twaqqif Progressiv tal-Enerġija Nukleari Għal Finijiet ta' Ġenerazzjoni Industrijali tal-Elettriku, filwaqt li huwa mifhum li:
   (a) il-volum ta' elettriku mibjugħ b'kuntratt ta' provvista fil-futur għandu jitqies li kien is-suġġett ta' tranżazzjoni f'kull ġurnata ta' xogħol li fiha kwotazzjoni ta' kull ġurnata għal prodott baseload kalendarju tkun ġiet ippubblikata mill-pjattaforma ta' skambju ta' blokok tal-enerġija meqjusa fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 4/1 iċċitat iktar 'il fuq;
   (b) il-volum ta' elettriku mibjugħ fis-suq mil-lum għal għada għandu jitqies li kien is-suġġett ta' tranżazzjoni għal kull perijodu ta' kunsinna ta' siegħa għall-volum fis-siegħa kkonċernat;

3. għall-impjanti ta' ġenerazzjoni mhux imsemmija fil-punti 1 u 2 u li l-ġenerazzjoni tagħhom hija koperta minn kuntratt ta' xiri tal-elettriku, id-dħul mis-suq għandu jiġi kkalkolat skont it-termini ta' dan il-kuntratt, sakemm il-kundizzjonijiet kummerċjali tal-kuntratt ikunu jikkorrispondu għall-kundizzjonijiet raġonevoli tas-suq, filwaqt li huwa mifhum li:
   (a) il-volum ta' elettriku mibjugħ b'kuntratt ta' provvista fil-futur għandu jitqies li kien is-suġġett ta' tranżazzjoni f'kull ġurnata meħuda inkunsiderazzjoni mill-kuntratt imsemmi iktar 'il fuq sabiex jiġi ddeterminat il-prezz;
   (b) il-volum ta' elettriku mibjugħ fis-suq mil-lum għal għada għandu jitqies li kien is-suġġett ta' tranżazzjoni għal kull perijodu ta' kunsinna ta' siegħa għall-volum fis-siegħa kkonċernat;

4. għall-impjanti ta' ġenerazzjoni mhux imsemmija fil-punti 1, 2 u 3 li ma jibbenefikawx minn mekkaniżmu ta' għajnuna għall-ġenerazzjoni, jew li jibbenefikaw minn mekkaniżmu ta' għajnuna għall-ġenerazzjoni li l-ammont tiegħu ma jiddependix mill-evoluzzjoni tal-prezz tal-elettriku, jew li jibbenefikaw minn mekkaniżmu ta' għajnuna għall-ġenerazzjoni li l-ammont tiegħu jiddependi mill-evoluzzjoni tal-prezz tal-elettriku fuq perijodu ta' tliet snin, id-dħul mis-suq għandu jiġi kkalkolat billi jiġi kkunsidrat li:
   (a) il-ġenerazzjoni annwali medja mistennija mill-bejgħ fis-sena-1 għandha titqies li hija mibjugħa b'kuntratt ta' provvista fil-futur fuq il-bażi ta' prodott baseload annwali skont l-istrateġija ta' bejgħ ta' terz fis-sena-3 (CAL+3), ta' terz fis-sena-2 (CAL+2) u ta' terz fis-sena-1 (CAL+1) bil-prezzijiet ippubblikati fuq pjattaforma ta' skambju ta' blokok tal-enerġija li topera fil-Belġju. Din il-ġenerazzjoni annwali medja mistennija mill-bejgħ fis-sena-1 għandha titqies li tikkorrispondi għall-ġenerazzjoni annwali tal-2019 għall-impjanti ta' ġenerazzjoni tal-elettriku li jkunu jaqgħu taħt it-teknoloġiji elenkati fl-Artikolu 7[(1)](a), (b), (d), (e) u (f) tar-Regolament [2022/1854]. Jekk l-impjant ta' ġenerazzjoni tal-elettriku ma kienx operattiv fl-2019, din il-ġenerazzjoni mistennija fis-sena-1 għandha tiġi kkomunikata mid-debitur. Għall-impjanti l-oħra ta' ġenerazzjoni tal-elettriku, din il-ġenerazzjoni annwali medja mistennija mill-bejgħ fis-sena-1 għandha titqies li tikkorrispondi għal 85 % tas-saħħa massima tal-impjant ta' ġenerazzjoni tal-elettriku;
   (b) id-differenza pożittiva bejn il-volum ta' elettriku ġġenerat u mibjugħ għal kull perijodu ta' ħmistax-il minuta u l-volum ta' elettriku msemmi fil-punt (a) għandha titqies bħala mibjugħa bil-prezz ta' riferiment tas-suq fuq bażi ta' siegħa;
   (c) il-volum ta' elettriku mibjugħ b'kuntratt ta' provvista fil-futur għandu jitqies li kien is-suġġett ta' tranżazzjoni għal kull ġurnata li fiha kwotazzjoni ta' kull ġurnata ta' prodott baseload kalendarju tkun ġiet ippubblikata fuq pjattaforma ta' skambju ta' blokok tal-enerġija li topera fil-Belġju;
   (d) il-volum ta' elettriku mibjugħ fis-suq mil-lum għal għada għandu jitqies li kien is-suġġett ta' tranżazzjoni għal kull perijodu ta' kunsinna ta' siegħa;

5. għall-impjanti ta' ġenerazzjoni mhux imsemmija fil-punti 1, 2, 3 u 4, id-dħul mis-suq għandu jiġi kkalkolat billi jitqies li:
   (a) il-ġenerazzjoni annwali medja mistennija mill-bejgħ fis-sena-1 għandha titqies li hija mibjugħa b'kuntratt ta' provvista fil-futur abbażi ta' prodott baseload annwali fis-sena-1 (CAL+1) bil-prezzijiet ippubblikati fuq pjattaforma ta' skambju tal-blokok tal-enerġija li joperaw fil-Belġju. Din il-ġenerazzjoni annwali medja mistennija mill-bejgħ fis-sena-1 għandha titqies li tikkorrispondi għall-ġenerazzjoni annwali tal-2019 għall-impjanti ta' ġenerazzjoni tal-elettriku li jkunu jaqgħu taħt it-teknoloġiji elenkati fl-Artikolu 7[(1)](a), (b), (d), (e) u (f) tar-Regolament [2022/1854]. Jekk l-impjant ta' ġenerazzjoni tal-elettriku ma kienx operattiv fl-2019, din il-ġenerazzjoni mistennija fis-sena-1 għandha tiġi kkomunikata mid-debitur. Għall-impjanti l-oħra ta' ġenerazzjoni tal-elettriku, din il-ġenerazzjoni annwali medja mistennija mill-bejgħ fis-sena-1 għandha titqies li tikkorrispondi għal 85 % tas-saħħa massima tal-impjant ta' ġenerazzjoni tal-elettriku;
   (b) id-differenza pożittiva bejn il-volum ta' elettriku ġġenerat u mibjugħ għal kull perijodu ta' ħmistax-il minuta u l-volum ta' elettriku msemmi fil-punt (a) għandha titqies bħala mibjugħa bil-prezz ta' riferiment tas-suq fuq bażi ta' siegħa;
   (c) il-volum ta' elettriku mibjugħ b'kuntratt ta' provvista fil-futur għandu jitqies li kien is-suġġett ta' tranżazzjoni għal kull ġurnata li fiha kwotazzjoni ta' kull ġurnata ta' prodott baseload kalendarju tkun ġiet ippubblikata fuq pjattaforma ta' skambju ta' blokok tal-enerġija li topera fil-Belġju, fuq perijodu ta' sena jew, meta mekkaniżmu ta' appoġġ għall-impjant ta' ġenerazzjoni jkun ibbażat fuq l-evoluzzjoni tal-prezz tal-elettriku fuq perijodu [ta'] sitt xhur, fuq perijodu ta' sitt xhur;
   (d) il-volum ta' elettriku mibjugħ fis-suq mil-lum għal għada għandu jitqies li kien is-suġġett ta' tranżazzjoni għal kull perijodu ta' kunsinna ta' siegħa;

6. għall-impjanti ta' ġenerazzjoni tal-elettriku msemmija fil-punti 3, 4 u 5, id-debitur imsemmi fil-paragrafu 2 jista' jipproduċi l-prova li d-dħul mis-suq huwa differenti minn dak imsemmi fil-punti 3, 4 u 5, bil-kundizzjoni li d-debitur jipproduċi din il-prova għall-qasam ta' ġenerazzjoni kollu tiegħu, u filwaqt li huwa mifhum li:
   (a) il-bejgħ u x-xiri tal-elettriku li jseħħ fi ħdan impriża vertikalment integrata jew bejn impriżi li waħda minnhom tkun ikkontrollata minn jew parzjalment proprjetà tal-oħra, huma meqjusa li ġew konklużi għall-applikazzjoni ta' dan l-artikolu fuq il-bażi ta' prezz koerenti mal-prezz tas-suq fil-ġurnata tat-tranżazzjoni għall-perijodu tal-kunsinna kkonċernata mit-tranżazzjoni, kif ippubblikat fuq pjattaforma ta' skambju ta' blokok ta' enerġija li topera fil-Belġju;
   (b) kull volum ta' elettriku prodott jew mibjugħ, imma mhux mibjugħ b'kuntratt ta' provvista fil-futur huwa meqjus mibjugħ bil-prezz ta' riferiment tas-suq;
   (c) kull bejgħ ta' elettriku b'kuntratt ta' provvista fil-futur jikkostitwixxi tranżazzjoni ddefinita bid-data ta' riferiment tagħha, bi prezzha u bil-volum tagħha;
   (d) il-volum tal-elettriku mibjugħ fis-suq mil-lum għal għada jitqies li kien is-suġġett ta' tranżazzjoni għal kull perijodu ta' kunsinna ta' siegħa.

   Bla ħsara għall-preżunzjoni msemmija fil-punt 3, id-dħul eċċessiv għandu jitnaqqas mill-ispejjeż marbuta max-xiri ta' volumi tal-elettriku bil-għan li jiġu pprovduti volumi ta' elettriku mibjugħa u mhux iġġenerati matul il-perijodu msemmi fil-paragrafu 1 meta l-ġenerazzjoni effettiva tkun inqas mill-ġenerazzjoni mibjugħa b'kuntratt ta' provvista fil-futur, sad-differenza pożittiva bejn il-prezz ta' riferiment tas-suq u l-limitu massimu fuq id-dħul eċċessiv imsemmi fil-paragrafu 4. Dan it-tnaqqis ma jistax iwassal għal dħul eċċessiv negattiv u l-ispejjeż inkwistjoni ma jistgħux jinġiebu 'l quddiem minn perijodu preċedenti u lanqas lejn perijodu sussegwenti, u lanqas ma jistgħu jiġu ttrasferiti bejn impjanti ta' ġenerazzjoni.

(6) Għall-imposta dovuta għall-perijodu mill-1 ta' Awwissu 2022 sal-31 ta' Diċembru 2022 inkluż, id-debituri msemmija fil-paragrafu 2 għandhom jippreżentaw dikjarazzjoni lill-[KREG], sa mhux iktar tard mit-30 ta' April 2023.

Għall-imposta dovuta [...] għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2023 sat-30 ta' Ġunju 2023 inkluż, id-debituri msemmija fil-paragrafu 2 għandhom jippreżentaw dikjarazzjoni lill-[KREG], sa mhux iktar tard mis-7 ta' Settembru 2023.

Id-deċiżjoni għandha tkun tinkludi minn tal-inqas id-data sussegwenti:

1. l-identifikazzjoni sħiħa tad-debitur;

2. l-identifikazzjoni sħiħa ta' kull wieħed mill-impjanti ta' ġenerazzjoni tiegħu [...] u l-volum totali ta' elettriku injettat matul il-perijodu kkonċernat minn kull impjant ta' ġenerazzjoni tal-elettriku, kif ukoll is-saħħa massima installata ta' kull impjant ta' ġenerazzjoni tal-elettriku, ivvalidati mill-operatur(i) tan-network(s) ikkonċernat(i)

3. meta l-volum totali ta' elettriku għal kull impjant ta' ġenerazzjoni tal-elettriku msemmi fil-punt 2 ikun jinqasam bejn debituri differenti, it-tqassim tal-volum ta' elettriku kkonċernat bejn id-debituri kkonċernati u kull dokument li jkun juri l-qbil tad-debituri kkonċernati fuq dan it-tqassim;

4. il-profil tal-elettriku ġġenerat u mibjugħ fi ħmistax-il minuta ta' kull impjant ta' ġenerazzjoni, ivvalidat mill-operatur(i) tan-network ikkonċernat(i);

5. fejn applikabbli, indikazzjoni tal-pjattaforma ta' skambju tal-blokok tal-enerġija li joperaw fil-Belġju użata;

6. jekk ikun il-każ, il-prova msemmija fil-punt 6 tas-subparagrafu 2 tal-paragrafu 5, flimkien mad-dokumenti ta' sostenn kollha kif ukoll ġustifikazzjoni tal-istrateġija ta' bejgħ magħżula;

7. b'deroga mill-punti 3 sa 6, għall-persuni ġuridiċi msemmija fis-subparagrafu 2 tal-paragrafu 2, il-prova li d-dħul eċċessiv huwa direttament ittrasferit lill-konsumaturi. Fin-nuqqas ta' dan, dawn il-persuni ġuridiċi għandhom jittrażmettu d-data msemmija fil-punti 3 sa 6.

Il-[KREG] għandha tiddetermina l-mudell tad-dikjarazzjoni u l-format tad-dokumenti li għandhom jiġu trażmessi:

[...]"

Id-deċiżjoni tat-28 ta' Frar 2023

14 Id-deċiżjoni tat-28 ta' Frar 2023 ġiet adottata mill-KREG skont ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 22b(6) tal-Liġi dwar l-Elettriku. Din id-deċiżjoni tiddetermina l-mudell ta' dikjarazzjoni u l-format tad-dokumenti li għandhom jiġu trażmessi mid-debituri tal-imposta stabbilita mill-Artikolu 22b(1) ta' din il-liġi.

Il-tilwima fil-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

15 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali huma jew persuni ġuridiċi rregolati mid-dritt privat li huma produtturi u/jew fornituri tal-elettriku ġġenerat minn sorsi ta' enerġija elenkati fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament 2022/1854 u li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-deċiżjoni tat-28 ta' Frar 2023 peress li huma suġġetti għall-imposta stabbilita fl-Artikolu 22b(2) tal-Liġi dwar l-Elettriku, jew persuni ġuridiċi rregolati mid-dritt privat li ma humiex produtturi jew fornituri tal-elettriku, iżda li ukoll jaqgħu taħt dan il-kamp ta' applikazzjoni għaliex huma suġġetti għal din l-imposta, jew federazzjonijiet ta' impriżi fis-settur tal-enerġija li jaġixxu għall-benefiċċju tal-membri tagħhom.

16 Fid-29 ta' Marzu 2023, Electrabel, minn naħa, u l-FEBEG *et*, min-naħa l-oħra, kif ukoll, fit-30 ta' Marzu 2023, Luminus *et*, adixxew lill-cour d'appel de Bruxelles (il-Qorti tal-Appell ta' Brussell, il-Belġju) (Sezzjoni Qorti tal-Kuntratti), li hija l-qorti tar-rinviju, bi tliet rikorsi intiżi għall-annullament tad-deċiżjoni tat-28 ta' Frar 2023. Fid-dawl tax-xebh li hemm bejniethom, dik il-qorti għaqdet dawn it-tliet rikorsi.

17 Insostenn tar-rikorsi tagħhom, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jinvokaw, fl-ewwel lok, motivi ta' annullament li jirrigwardaw in-natura esklużiva tal-preżunzjonijiet stabbiliti fid-deċiżjoni tat-28 ta' Frar 2023. Electrabel issostni, essenzjalment, li din id-deċiżjoni tikser l-Artikolu 2(5), kif ukoll l-Artikoli 6 sa 8 tar-Regolament 2022/1854 inkwantu din teżiġi li jiġi ddikjarat dħul li ma jkunx ġie effettivament miksub, filwaqt li dan ir-regolament jeżiġi d-dikjarazzjoni tad-dħul li jkun ġie realment miksub. Il-FEBEG *et* kif ukoll Luminus *et* jallegaw ksur tal-imsemmi regolament, b'mod partikolari tal-Artikoli 6 u 7 tiegħu, tal-Artikolu 288 TFUE kif ukoll tal-prinċipji ta' supremazija u ta' effettività tad-dritt tal-Unjoni inkwantu l-imsemmija deċiżjoni tapplika preżunzjonijiet legali sabiex jiġi stabbilit id-dħul li fir-rigward tiegħu jiġi applikat il-limitu massimu stabbilit fl-Artikolu 22b tal-Liġi dwar l-Elettriku. F'dan ir-rigward, huma jenfasizzaw li dawn il-preżunzjonijiet huma, skont is-sors ta' enerġija kkonċernata, jew inkonfutabbli jew konfutabbli, iżda li, f'dan l-aħħar każ, dawn jistgħu jiġu kkonfutati biss taħt ċerti kundizzjonijiet u permezz tal-użu ta' preżunzjonijiet oħra. Issa, fil-fehma tagħhom, l-istess regolament jipprevedi biss il-limitu massimu ta' dħul mis-suq miksub, b'mod li għandu, minn tal-inqas, ikun possibbli li jiġi ddikjarat id-dħul reali.

18 Għaldaqstant, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jilmentaw fir-rigward tal-KREG li hija rriproduċiet, fid-deċiżjoni tat-28 ta' Frar 2023, is-sistema tas-sitt preżunzjonijiet previsti fil-punti 1 sa 6 tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 22b(5) tal-Liġi dwar l-Elettriku. Tali sistema, ibbażata esklużivament fuq preżunzjonijiet, twassal għat-tassazzjoni bir-rata ta' 100 % ta' dħul fittizju, filwaqt li, skont ir-Regolament 2022/1854, il-limitu massimu japplika għad-"dħul mis-suq", jiġifieri d-dħul effettivament miksub mill-produtturi tal-elettriku. Barra minn hekk, dan ir-regolament jipprevedi li l-limitu massimu għandu japplika "għal kull tranżazzjoni", filwaqt li, skont il-preżunzjonijiet kollha inkwistjoni fil-kawża prinċipali, l-elettriku għandu jitqies li kien is-suġġett ta' bejgħ bil-ġurnata bil-prezz tal-elettriku ta' kull waħda minn dawn il-ġranet fuq il-borża tal-elettriku meta dan jinbiegħ b'kuntratt ta' provvista fil-futur, u ta' bejgħ fis-siegħa meta dan jinbiegħ fis-suq tal-ġurnata bil-quddiem. Din ikollha bħala konsegwenza li tagħti lok għal imposta fil-każ li jinqabeż il-limitu massimu fuq ġurnata jew fuq siegħa tal-perijodu, filwaqt li l-prezz realment miksub ikun prezz medju iktar baxx mil-limitu massimu jew prezz fiss iktar baxx mil-limitu massimu. L-użu ta' sistema bbażata esklussivament fuq preżunzjonijiet ma tkun bl-ebda mod iġġustifikata u, fir-realtà, ikollha l-għan li żżid l-ammonti miġbura.

19 Il-KREG u l-Istat Belġjan jikkontestaw dan l-argument billi jinvokaw, b'mod partikolari, il-premessa 37 tar-Regolament 2022/1854, li tgħid li l-Istati Membri jistgħu jużaw stimi raġonevoli sabiex jikkalkolaw il-limitu massimu fuq id-dħul mis-suq. Dan ir-regolament ma stabbilixxiex regola speċifika li tippermetti li jiġi kkalkolat l-ammont tad-dħul eċċessiv u l-Kummissjoni ma tatx indikazzjonijiet f'dan ir-rigward, kuntrarjament għal dak li l-imsemmi regolament kien jipprevedi fl-Artikolu 6(5) tiegħu. L-użu tal-preżunzjonijiet previsti mil-Liġi dwar l-Elettriku ma jwassalx sabiex jiġi ntaxxat dħul fittizju u jippermetti, barra minn hekk, li jittaffew id-diffikultajiet tekniċi marbuta mad-determinazzjoni preċiża tal-prezz għal kull MWh ta' elettriku mibjugħ u kkunsinnat matul il-perijodu ta' applikazzjoni tal-imposta. Barra minn hekk, in-natura inkonfutabbli tal-preżunzjonijiet li jinsabu fil-punti 1 u 2 tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 22b(5) tal-Liġi dwar l-Elettriku, tkun iġġustifikata, peress li s-sistema hija bbażata fuq strateġiji ta' bejgħ adottati minn qabel, bi qbil mal-operaturi tal-impjanti nukleari kkonċernati.

20 Preliminarjament, il-qorti tar-rinviju tindika li l-fatt li l-illegalitajiet ikkontestati jirriżultaw mill-punti 1 sa 6 tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 22(b)(5) tal-Liġi dwar l-Elettriku ma jaffettwax il-ġurisdizzjoni tagħha sabiex tieħu konjizzjoni tal-legalità tad-deċiżjoni tat-28 ta' Frar 2023. Fir-rigward tal-mertu, hija tikkonstata li il-preżunzjonijiet stabbiliti f'dawn id-dispożizzjonijiet u li fuq il-bażi tagħhom din id-deċiżjoni tistabbilixxi l-mudell tagħha ta' dikjarazzjoni ta' dħul, li jikkostitwixxi l-istadju ta' qabel l-iffissar tal-imposta dovuta minn kull debitur, huma bbażati fuq sett jew fuq sensiela ta' preżunzjonijiet li minnhom id-debitur ma jista' qatt jaħrab kompletament, b'mod li huwa ma jistax jiddikjara d-dħul reali li huwa jkun effettivament kiseb.

21 Dik il-qorti tippreċiża, f'dan ir-rigward, li hija ma tipperċepixxix ġustifikazzjoni teknika suffiċjenti għad-definizzjoni ta' preżunzjonijiet intiżi li jirriflettu l-istrateġiji ta' bejgħ speċifiċi għal kull teknoloġija jew għal partikolarità oħra, pjuttost milli tippermetti lid-debituri jiddokumentaw l-istrateġiji ta' bejgħ reali tagħhom u d-dħul effettiv tagħhom, tal-inqas meta dan ikun possibbli. Fil-fatt, il-limitu massimu stabbilit mir-Regolament 2022/1854 u, konsegwentement, mil-leġiżlatur Belġjan, japplika biss għall-elettriku li jkun ġej minn ċerti teknoloġiji u s-sistema ta' dikjarazzjoni hija bbażata fuq it-traċċabbiltà ta' ċerta data ma' impjant partikolari. Għalhekk, fil-fehma tagħha, għalkemm diffikultajiet tekniċi jistgħu jiġġustifikaw l-użu ta' preżunzjonijiet, dawn ma jiġġustifikawx in-natura inkonfutabbli tagħhom.

22 Barra minn hekk, mill-Artikoli 6 sa 8 tar-Regolament 2022/1854, moqrija flimkien mal-punti 5 u 9 tal-Artikolu 2 tiegħu, jirriżulta li l-kalkolu tad-dħul eċċessiv għandu jsir abbażi tad-dħul mis-suq realment miksub mill-produtturi. Dan huwa kkonfermat mill-istruttura tas-sistema stabbilita, li, *prima facie*, timponi li jsir riferiment għal dħul effettivament miskub. Il-premessa 30 ta' dan ir-regolament issostni din l-evalwazzjoni. Għalkemm, ċertament, il-premessa 37 tiegħu tindika li l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jużaw stimi raġonevoli sabiex jikkalkolaw il-limitu massimu fuq id-dħul mis-suq, din il-premessa madankollu ma tistax tostakola d-dispożizzjonijiet tal-imsemmi regolament. Il-qorti tar-rinviju żżid, barra minn hekk, li ma hijiex konvinta li l-possibbiltà li l-Istat Membri jitħallew jużaw stimi tawtorizzahom jipprevedu sistema bbażata biss fuq preżunzjonijiet inkonfutabbli, jew fuq preżunzjonijiet parzjalment konfutabbli iżda b'mod li jħalli jeżistu elementi teoretikament predeterminati mill-Istat Membru, mingħajr teħid inkunsiderazzjoni tad-dħul realment miksub.

23 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-perijodu kopert mid-deċiżjoni kontenzjuża, Electrabel kif ukoll il-FEBEG *et* isostnu, essenzjalment, li, inkwantu d-deċiżjoni tat-28 ta' Frar 2023 tistabbilixxi mudell ta' dikjarazzjoni għall-perijodu ta' bejn l-1 ta' Awwissu u l-31 ta' Diċembru 2022, filwaqt li, skont ir-Regolament 2022/1854, il-perijodu ta' limitu massimu jibda fl-1 ta' Diċembru 2022, din id-deċiżjoni tikser, b'mod partikolari, l-Artikoli 6 sa 8, 20 u 22 ta' dan ir-regolament,

l-Artikolu 288 TFUE, il-prinċipji ta' supremazija u ta' effettività tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali. Huma jirrilevaw li l-proposta tal-Kummissjoni, tal-14 ta' Settembru 2022, għal Regolament tal-Kunsill dwar intervent ta' emerġenza biex jiġu indirizzati l-prezzijiet għoljin tal-enerġija [COM (2022) 473 final], li wasslet għall-adozzjoni tar-Regolament 2022/1854, kienet tipprevedi li l-Istati Membri titħallilhom il-possibbiltà jiddeċiedu dwar applikazzjoni antiċipata tal-limitu massimu, iżda li din il-possibbiltà ma nżammitx fil-verżjoni ta' dan ir-regolament li finalment ġiet adottata. Barra minn hekk, l-imsemmi regolament ma jawtorizzax lill-Istati Membri jiġbru d-dħul eċċessiv b'mod retroattiv.

24 Il-KREG u l-Istat Belġjan iwieġbu, essenzjalment, l-ewwel nett, li l-leġiżlatur Belġjan seta' jaġixxi kif għamel għall-perijodu ta' bejn l-1 ta' Awwissu u t-30 ta' Novembru 2022 bis-saħħa tal-kompetenza fiskali ġenerali tiegħu, it-tieni nett, li l-Artikolu 8(1) tar-Regolament 2022/1854 jipprevedi, barra minn hekk, li l-Istati Membri jistgħu "iżommu jew jintroduċu miżuri li jillimitaw aktar id-dħul mis-suq" u, it-tielet nett, li l-fatt li l-possibbiltà ta' applikazzjoni antiċipata volontarja ta' dan ir-regolament prevista fil-proposta għal regolament imsemmija fil-punt preċedenti ta' din is-sentenza ma ġietx riprodotta fit-test finalment adottat huwa spjegat min-nuqqas ta' utilità ta' tali dispożizzjoni.

25 Il-qorti tar-rinviju tosserva li l-leġiżlatur Belġjan ma ġġustifikax ir-raġuni li għaliha stabbilixxa d-data tad-dħul fis-seħħ tal-imposta inkwistjoni f'data differenti minn dik prevista mir-Regolament 2022/1854 u li huwa sempliċement indika li s-sistema stabbilita ma tmurx kontra l-prinċipju ta' nuqqas ta' retroattività fil-qasam fiskali. Ix-xogħol preparatorju tal-Liġi dwar l-Elettriku lanqas ma juri li l-imposta inkwistjoni hija ta' natura ibrida, jiġifieri miżura nazzjonali indipendenti mid-dritt tal-Unjoni għall-perijodu ta' bejn l-1 ta' Awwissu 2022 u t-30 ta' Novembru 2022 u l-implimentazzjoni tar-Regolament 2022/1854 għall-perijodu mill-1 ta' Diċembru 2022. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, dik il-qorti tqis li l-Artikolu 22(2) ta' dan ir-regolament jista', *prima facie*, jipprekludi miżuri nazzjonali li jkunu jiżguraw l-implimentazzjoni tas-sistema li dan ir-regolament jipprevedi b'effett minn data preċedenti għal dik indikata f'din id-dispożizzjoni, fid-dawl tal-prinċipji ta' supremazija, ta' effettività u ta' kooperazzjoni leali. F'dan ir-rigward, hija tqis li l-Artikolu 8(1)(a) tar-Regolament 2022/1854 ma huwiex ċar fir-rigward tal-punt dwar jekk il-possibbiltà, offruta minn din id-dispożizzjoni lill-Istati Membri, li jżommu jew li jintroduċu miżuri li jillimitaw iktar id-dħul mis-suq tinkludix dik li tiġi implimentata sistema ta' stabbiliment ta' limitu massimu qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament.

26 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-cour d'appel de Bruxelles (il-Qorti tal-Appell ta' Brussell) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1. L-Artikoli 6, 7 u 8 tar-[Regolament 2022/1854], moqrija flimkien mal-punti 5 u 9 tal-Artikolu 2 [tiegħu] fid-dawl tal-premessi kollha tiegħu, u flimkien, b'mod partikolari, mal-Artikolu 288 TFUE u l-Artikolu 6 TUE, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-applikazzjoni ta' miżuri nazzjonali, bħal dawk tal-Artikolu 22b [tal-Liġi dwar l-Elettriku], b'mod partikolari s-subparagrafu 2 tal-paragrafu 5 ta' dan l-artikolu, tal-[Liġi dwar l-Elettriku], li jipprevedu li l-limitu previst fl-Artikolu 6 ta[' dan ir-r]egolament jirriżulta f'imposta fuq l-eċċess ta' dħul tal-produtturi ta' elettriku, meta n-natura eċċessiva tad-dħul meta mqabbel mal-limitu ffissat huwa stabbilit minn dħul mis-suq iddeterminat, għal ċerti installazzjonijiet, minn preżunzjonijiet inkonfutabbli li jikkalkolaw dħul teoretiku (ara l-punti 1 u 2 tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 22b(5) tal-Liġi dwar l-Elettriku), b'tali mod li d-debituri tal-imposta jiġu preklużi milli jiddikjaraw u jiġu evalwati fuq id-dħul reali tagħhom?

2. L-Artikoli 6, 7 u 8 tar-Regolament 2022/1854, moqrija flimkien mal-punti 5 u 9 tal-Artikolu 2 u fid-dawl tal-premessi kollha tiegħu, u flimkien, b'mod partikolari, mal-Artikolu 288 TFUE u l-Artikolu 6 TUE, kif ukoll mal-prinċipju ta' proporzjonalità, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-applikazzjoni ta' miżuri nazzjonali, bħal dawk tal-Artikolu 22b, b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-paragrafu 5 ta' dan l-artikolu, tal-Liġi dwar l-Elettriku, li jipprevedu li l-limitu previst fl-Artikolu 6 ta[' dan ir-r]egolament isarraf f'imposta fuq l-eċċess ta' dħul tal-produtturi ta' elettriku, meta n-natura eċċessiva tad-dħul meta mqabbel mal-limitu ffissat huwa stabbilit minn dħul mis-suq iddeterminat, għal ċerti installazzjonijiet (ara l-punti 3, 4, 5 u 6 tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 22b(5)), minn preżunzjonijiet ippreżentati bħala konfutabbli iżda li jistgħu jinqalbu, minn naħa, biss permezz tal-ġustifikazzjoni tad-dħul reali tagħhom għall-installazzjonijiet kollha tagħhom, inklużi l-installazzjonijiet tagħhom mhux suġġetti għall-kamp ta' applikazzjoni ta[l-imsemmi] regolament, u, min-naħa l-oħra, biss dejjem permezz tar-rikors għal ċerti preżunzjonijiet, b'tali mod li b'hekk id-debituri tal-imposta jiġu prekluži milli jiddikjaraw u jiġu evalwati fuq id-dħul reali tagħhom?

3. L-Artikolu 6, 7 u 8 u 22 tar-Regolament 2022/1854, moqrija flimkien mal-prinċipji ta' supremazija u ta' effettività tad-dritt tal-Unjoni u mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali (il-punt 3 tal-Artikolu 4 TUE), flimkien, b'mod partikolari, mal-Artikolu 288 TFUE, kif ukoll fid-dawl tal-premessi tiegħu, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-applikazzjoni ta' miżuri nazzjonali adottati wara d-dħul fis-seħħ ta' [dan ir-]regolament, bħall-Artikolu 22b(1) tal-Liġi dwar l-Elettriku, introdott permezz tal-Liġi tas-16 ta' Diċembru 2022, u li jipprevedu l-implimentazzjoni tas-sistema ta' limitu tad-dħul mis-suq miksub mill-produtturi ta' elettriku minn data li tipproċedi l-1 ta' Diċembru 2022, bħad-data tal-1 ta' Awwissu 2022?"

Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

27 Il-qorti tar-rinviju talbet li dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jkun suġġett għall-proċedura mħaffa għal deċiżjoni preliminari prevista fl-Artikolu 105 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

28 Din it-talba ġiet miċħuda permezz ta' digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Jannar 2024, Electrabel *et* (C-633/23, EU:C:2024:41).

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel u t-tieni domanda

29 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat, minn naħa, li, skont il-formulazzjoni tal-ewwel u tat-tieni domanda tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar il-modalitajiet ta' determinazzjoni tad-dħul mis-suq li għalih japplika l-"limitu previst fl-Artikolu 6" tar-Regolament 2022/1854. Issa, mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li, f'dan il-każ, il-limitu massimu fuq id-dħul mis-suq huwa, skont l-Artikolu 22b(4) tal-Liġi dwar l-Elettriku, stabbilit għal EUR 130 għal kull MWh ta' elettriku ġġenerat, filwaqt li dan l-Artikolu 6 jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu, li d-dħul mis-suq imsemmi mill-imsemmi artikolu huwa limitat

għal massimu ta' EUR 180 għal kull MWh ta' elettriku ġġenerat. Madankollu, l-Artikolu 8(1)(a) ta' dan ir-regolament jipprevedi, essenzjalment, li l-Istati Membri jistgħu b'mod partikolari jintroduċu miżuri li jillimitaw iktar dan id-dħul.

30 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li l-limitu massimu previst mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma huwiex dak "previst fl-Artikolu 6" tar-Regolament 2022/1854, iżda limitu massimu nazzjonali stabbilit b'applikazzjoni tal-Artikolu 8(1) ta' dan ir-regolament.

31 Min-naħa l-oħra, għalkemm, permezz tal-ewwel u tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju titlob, b'mod partikolari, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 6 TUE, hija ma tindikax kif din l-interpretazzjoni hija neċessarja għall-finijiet tas-soluzzjoni tat-tilwim fil-kawżi prinċipali. Fil-fatt, it-talba għal deċiżjoni preliminari ma tinkludi ebda raġuni li tispjega r-raġuni li għaliha din il-qorti tistaqsi dwar l-interpretazzjoni ta' dan l-artikolu u lanqas li tindika r-rabta li hija tistabbilixxi bejnu u bejn il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Għaldaqstant, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 6 TUE ma tidhirx li hija neċessarja għall-finijiet tas-soluzzjoni ta' dan it-tilwim.

32 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, għandu jinftiehem li, permezz tal-ewwel u tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikoli 6 sa 8 tar-Regolament 2022/1854, moqrija flimkien mal-punti 5 u 9 tal-Artikolu 2 tiegħu, mal-Artikolu 288 TFUE kif ukoll mal-prinċipju ta' proporzjonalità, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li permezz tagħha l-ammont tad-dħul li għalih japplika limitu massimu fuq id-dħul mis-suq previst b'applikazzjoni ta' dan l-Artikolu 8 ikun iddeterminat, skont l-impjanti ta' ġenerazzjoni tal-elettriku koperti, jew abbażi ta' preżunzjonijiet inkonfutabbli, jew abbażi ta' preżunzjonijiet konfutabbli, iżda li jistgħu jiġu kkonfutati biss, minn naħa, billi jiġi ġġustifikat id-dħul reali miksub mill-impjanti kollha tal-operatur ikkonċernat u, min-naħa l-oħra, permezz ta' preżunzjonijiet oħra.

33 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Artikolu 6(1) tar-Regolament 2022/1854 jipprevedi li d-dħul mis-suq miksub mill-produtturi tal-elettriku mis-sorsi msemmija fl-Artikolu 7(1) għandu jkun limitat għal massimu ta' EUR 180 għal kull MWh ta' elettriku ġġenerat. Il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu 6 jżid li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-limitu massimu fuq id-dħul mis-suq ikun japplika għad-dħul kollu mis-suq miksub mill-produtturi u, jekk ikun il-każ, mill-intermedjarji li jkunu jipparteċipaw fis-swieq bl-ingrossa tal-elettriku f'isem il-produtturi, irrispettivament mill-iskadenza tat-tranżazzjoni u minn jekk l-elettriku jiġix ikkummerċjalizzat f'kuntest bilaterali jew f'suq ċentralizzat. Barra minn hekk, il-paragrafu 3 tal-istess artikolu jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu miżuri effettivi sabiex jipprevjenu kull evażjoni tal-obbligi imposti fuq il-produtturi skont dan il-paragrafu 2 u għandhom jiżguraw, b'mod partikolari, li l-limitu massimu fuq id-dħul mis-suq jiġi applikat b'mod effettiv meta l-produtturi jkunu kkontrollati, jew ikunu parzjalment miżmuma, minn impriżi oħra, b'mod partikolari meta dawn ikunu jagħmlu parti minn impriża integrata vertikalment. Fir-rigward tal-Artikolu 6(4) tar-Regolament 2022/1854, dan jippreċiża li l-Istati Membri għandhom jiddeċiedu jekk japplikawx il-limitu massimu fuq id-dħul mis-suq fis-saldu tal-iskambju tal-enerġija jew wara.

34 Barra minn hekk, għalkemm il-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu 6 jipprovdi li l-Kummissjoni għandha tipprovdi gwida lill-Istati Membri għall-implimentazzjoni tal-imsemmi artikolu, huwa paċifiku li ebda gwida ma ngħatat minn din l-istituzzjoni f'dan ir-rigward.

35 Fir-rigward tal-Artikolu 7 tar-Regolament 2022/1854, dan jindika, fil-paragrafu 1 tiegħu, li l-limitu massimu fuq id-dħul mis-suq previst fl-Artikolu 6 ta' dan ir-regolament japplika għad-dħul mis-suq li joriġina mill-bejgħ tal-elettriku ġġenerat minn sorsi ta' enerġija li din id-dispożizzjoni telenka. Dan jippreċiża wkoll, fil-paragrafu 6 tiegħu, li l-produtturi, l-intermedjarji u l-parteċipanti fis-suq kkonċernat, kif ukoll, jekk ikun il-każ, il-ġestjonarji tan-network, għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u, jekk ikun il-każ, lill-ġestjonarji tan-network u lill-operaturi nnominati tas-suq tal-elettriku, id-data kollha neċessarja għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu 6, inkluż dwar l-elettriku ġġenerat u d-dħul mis-suq relatat, irrispettivament mill-iskadenza tat-tranżazzjoni u minn jekk l-elettriku jiġix ikkumerċjalizzat f'kuntest bilaterali, fi ħdan l-istess impriża jew f'suq ċentralizzat.

36 L-Artikolu 8(1) tar-Regolament 2022/1854 jipprevedi, min-naħa tiegħu, li l-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri oħra, li huma elenkati fil-punti (a) sa (e) ta' dan il-paragrafu. B'mod partikolari, skont dan il-punt (a), huma jistgħu jżommu jew jintroduċu miżuri li jillimitaw iktar id-dħul mis-suq miksub mill-produtturi li jiġġeneraw l-elettriku mis-sorsi elenkati fl-Artikolu 7(1) ta' dan ir-regolament, inkluż il-possibbiltà li ssir distinzjoni bejn it-teknoloġiji, kif ukoll id-dħul mis-suq irċevut minn parteċipanti oħra fis-suq. L-Artikolu 8(2) jippreċiża li l-miżuri msemmija fil-paragrafu 1, konformement mal-imsemmi regolament, għandhom ikunu proporzjonati u mhux diskriminatorji, ma għandhomx jipperikolaw is-sinjali ta' investiment, għandhom jiżguraw li l-ispejjeż ta' investiment u ta' funzjonament ikunu koperti, ma għandhomx ifixklu l-funzjonament tas-swieq bl-ingrossa tal-elettriku u, b'mod partikolari, ma għandhomx jaffettwaw l-ordni tal-mertu u l-formazzjoni tal-prezzijiet fis-suq, u għandhom ikunu kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

37 Barra minn hekk, l-Artikolu 2 tar-Regolament 2022/1854 jippreċiża, fil-punt 5 tiegħu, li għall-finijiet ta' dan ir-regolament, il-kunċett ta' "dħul mis-suq" jirreferi għad-dħul miksub li produttur jirċievi inkambju għall-bejgħ u għall-kunsinna tal-elettriku fl-Unjoni, irrispettivament mill-forma kuntrattwali li biha jsir dan l-iskambju, inkluż il-kuntratti ta' xiri tal-elettriku u operazzjonijiet oħra ta' koperatura kontra l-varjazzjonijiet fis-suq tal-elettriku bl-ingrossa u bl-esklużjoni ta' kull għajnuna mogħtija mill-Istati Membri. Dan l-Artikolu 2 jindika wkoll, fil-punt 9 tiegħu, li l-kunċett ta' "dħul eċċessiv" jirreferi għal differenza pożittiva bejn id-dħul li l-produtturi jiksbu mis-suq għal kull MWh ta' elettriku u l-limitu massimu fuq id-dħul mis-suq ta' EUR 180 għal kull MWh ta' elettriku previst fl-Artikolu 6(1) ta' dan ir-regolament.

38 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li, għalkemm ebda waħda mid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament 2022/1854 ma tippreċiża l-metodoloġija li skontha għandu jiġi ddeterminat id-dħul mis-suq li għalih għandha tiġi applikata l-miżura ta' limitu massimu tad-dħul li dan ir-regolament jimponi l-istabbiliment tagħha, madankollu mill-formulazzjoni tagħhom jirriżulta li, hekk kif irrileva wkoll, essenzjalment, l-Avukat Ġenerali fil-punti 38 u 39 tal-konklużjonijiet tiegħu, din il-miżura ta' limitu massimu ma tistax tiġi applikata għal dħul teoretiku li ma jkunx jikkorrispondi għar-realtà tas-suq, iżda għandha tiġi applikata għal ammonti li jkunu jirriflettu r-realtà tad-dħul irċevut mill-operaturi kkonċernati.

39 Barra minn hekk, il-premessa 30 ta' dan ir-regolament tistabbilixxi li l-limitu massimu fuq id-dħul mis-suq għandu jiġi stabbilit "fuq id-dħul mis-suq aktar milli fuq id-dħul totali tal-ġenerazzjoni" u li, irrispettivament mill-forma kuntrattwali li taħtha jseħħ il-kummerċ tal-elettriku, il-limitu massimu fuq id-dħul mis-suq għandu japplika "biss" għad-dħul mis-suq "realizzat".

40 Madankollu, peress li ebda dispożizzjoni tar-Regolament 2022/1854 ma tippreċiża l-modalitajiet li bihom jiġi ddeterminat id-dħul mis-suq li għalih għandha tiġi applikata l-miżura ta' limitu massimu tad-dħul, huma l-Istati Membri li għandhom jiddeterminaw dan id-dħul. Madankollu, sa fejn, b'dan il-mod, l-Istati Membri jimplimentaw dan ir-regolament, u għalhekk id-dritt tal-Unjoni, huma għandhom jeżerċitaw il-kompetenzi tagħhom b'osservanza ta' dan id-dritt u, għaldaqstant, f'dan il-każ, b'mod li jippreżerva, b'mod partikolari, l-effett utli tad-dispożizzjonijiet tal-imsemmi regolament (ara, b'analoġija, is-sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2023, Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka (Tul massimu ta' parkeġġ), C-167/22, EU:C:2023:1020, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tat-30 ta' April 2025, Alenopik, C-745/23, EU:C:2025:294, punt 28).

41 Għalhekk għad irid jiġi ddeterminat jekk, fil-kuntest ta' dan l-eżerċizzju, l-Istati Membri jistgħux jużaw preżunzjonijiet sabiex jiddeterminaw b'mod preċiż l-ammont tad-dħul mis-suq li għalih huma japplikaw il-miżura ta' limitu massimu tad-dħul li r-Regolament 2022/1854 jimponi.

42 F'dan ir-rigward, għandu, l-ewwel nett, jiġi rrilevat li, skont il-premessa 37 ta' dan ir-regolament, sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva tal-limitu massimu fuq id-dħul mis-suq, il-produtturi, l-intermedjarji u l-parteċipanti fis-suq ikkonċernati għandhom jipprovdu d-data neċessarja lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u, jekk ikun il-każ, lill-ġestjonarji tan-network u lill-operaturi nnominati tas-suq tal-elettriku, iżda li, fid-dawl tan-numru kbir ta' tranżazzjonijiet li fir-rigward tagħhom l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jiżguraw l-applikazzjoni tal-limitu massimu fuq id-dħul mis-suq, dawn l-awtoritajiet għandhom ikunu jistgħu jużaw "stimi raġonevoli" sabiex jikkalkolaw dan il-limitu massimu.

43 Issa, hekk kif irrileva wkoll l-Avukat Ġenerali fil-punt 50 tal-konklużjonijiet tiegħu, stima hija min-natura tagħha approssimazzjoni ta' valur partikolari u mhux dejjem tikkorrispondi għal valur eżatt. Għaldaqstant, differenza eventwali bejn id-dħul reali u d-dħul preżunt tista' tiġi aċċettata mingħajr ma dan jirrendi l-użu ta' preżunzjonijiet neċessarjament inkompatibbli mar-Regolament 2022/1854, sakemm din id-differenza, li barra minn hekk tista' tkun kemm negattiva kif ukoll pożittiva, tibqa' raġonevoli, jiġifieri moderata, u sakemm l-istimi użati b'applikazzjoni ta' dawn il-preżunzjonijiet ikunu jirrappreżentaw ir-realtà tas-suq matul il-perijodu kkunsidrat.

44 It-tieni nett, kif jirriżulta mill-Artikolu 1 tiegħu, ir-Regolament 2022/1854 huwa b'mod partikolari intiż li jistabbilixxi intervent ta' emerġenza intiż li jtaffi l-effetti tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija permezz ta' miżuri eċċezzjonali, immirati u limitati fiż-żmien, u dawn il-miżuri huma intiżi, b'mod partikolari, li jintroduċu limitu massimu tad-dħul mis-suq li ċerti produtturi jiksbu mill-ġenerazzjoni tal-elettriku u li jiddistribwixxuh mill-ġdid b'mod immirat lejn il-klijenti finali tal-elettriku.

45 Issa, f'tali kuntest ta' emerġenza u fid-dawl ta' dan l-għan ta' protezzjoni tal-klijenti finali tal-elettriku, l-użu ta' stimi raġonevoli, inkluż fil-forma ta' preżunzjonijiet, sabiex jiġu implimentati malajr miżuri għal żmien qasir, jista' jikkostitwixxi mezz xieraq, jew saħansitra neċessarju, sabiex tiġi ggarantita l-effikaċja tal-miżura ta' limitu massimu tad-dħul li r-Regolament 2022/1854 jimponi u sabiex b'hekk jintlaħaq dan il-għan.

46 It-tielet nett, għandu jiġi rrilevat li, skont l-Artikolu 6(3) ta' dan ir-regolament, l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jistabbilixxu miżuri effettivi intiżi li jiggarantixxu l-applikazzjoni effettiva tal-limitu massimu u li tiġi evitata l-evażjoni tiegħu. Issa, fid-dawl ta' dak li jipprevedi l-Artikolu 6(2) kif ukoll l-Artikolu 7(6) tal-imsemmi regolament, li l-formulazzjonijiet tagħhom

huma mfakkra rispettivament fil-punti 33 u 35 ta' din is-sentenza, jista' jkun neċessarju li jiġi żgurat il-ġbir u l-kontroll ta' kwantità kbira ħafna ta' data. Għaldaqstant, dan il-fatt jippermetti wkoll li jiġi ammess li, skont il-partikolaritajiet tas-suq nazzjonali kkunsidrat jew id-diffikultajiet tekniċi li jistgħu jeżistu fir-rigward tal-possibbiltà li jiġi iżolat id-dħul li għandu effettivament ikun suġġett għall-miżura ta' limitu massimu imposta mill-istess regolament, l-użu ta' preżunzjonijiet jista' jirriżulta neċessarju.

47 Il-piż sinjifikattiv tal-oneru amministrattiv li jista' jirriżulta mill-implimentazzjoni ta' din il-miżura ta' limitu massimu huwa barra minn hekk irrikonoxxut mil-leġiżlatur tal-Unjoni, sa fejn, fl-Artikolu 7(3) tar-Regolament 2022/1854, huwa joffri lill-Istati Membri, b'mod partikolari, il-possibbiltà jiddeċiedu, b'mod partikolari meta l-applikazzjoni tal-limitu massimu previst fl-Artikolu 6(1) ta' dan ir-regolament twassal għal oneru amministrattiv sinjifikattiv, li dan il-limitu massimu ma japplikax għall-produtturi li jiġġeneraw l-elettriku permezz ta' impjanti ta' ġenerazzjoni tal-elettriku b'kapaċità installata massima ta' 1 MW.

48 Minn dawn l-elementi jirriżulta li r-Regolament 2022/1854 ma jipprekludix li Stat Membru juża preżunzjonijiet sabiex jiddetermina l-ammont tad-dħul mis-suq li għandu jkun suġġett għall-miżura ta' limitu massimu li dan ir-regolament jimponi, sakemm dawn il-preżunzjonijiet jippermettu li jinkisbu stimi raġonevoli tal-imsemmi dħul, li jirrappreżentaw ir-realtà tas-suq matul il-perijodu kkunsidrat.

49 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, minn naħa, li l-fatt li Stat Membru jkun għażel, jekk ikun il-każ, li jistabbilixxi, abbażi ta' elementi ta' distinzjoni oġġettivi, preżunzjonijiet varjabbli skont l-operaturi, l-impjanti jew it-teknoloġija kkonċernati, jew sensiela ta' preżunzjonijiet, ma huwiex ta' natura li jistabbilixxi li l-kundizzjoni stabbilita fil-punt preċedenti ta' din is-sentenza ma hijiex issodisfatta, sakemm, għal kull waħda mill-kategoriji ta' operaturi, ta' impjanti jew ta' teknoloġija eventwalment ikkonċernati, il-preżunzjoni stabbilita tkun tippermetti li tinkiseb stima raġonevoli tad-dħul speċifiku għal din il-kategorija, peress li l-possibbiltà li ssir distinzjoni bejn it-teknoloġiji hija, barra minn hekk, espressament awtorizzata mir-Regolament 2022/1854, b'mod partikolari mill-Artikolu 8(1)(a) tiegħu. Min-naħa l-oħra, anki l-użu ta' preżunzjonijiet inkonfutabbli jista' jissodisfa din il-kundizzjoni, b'mod partikolari meta dawn ikunu jirrigwardaw kategorija limitata u partikolari ta' produtturi li d-dħul tagħhom, minħabba ċirkustanzi partikolari għalihom jew minħabba partikolaritajiet tas-suq nazzjonali kkunsidrat, ikun ġie stabbilit minn qabel bi qbil mal-awtoritajiet pubbliċi jew ikun irregolat mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, b'tali mod li l-produtturi kkonċernati ma jistgħux jiddevjaw faċilment minnu.

50 Minn dawn il-konstatazzjonijiet jirriżulta wkoll li l-użu ta' tali preżunzjonijiet, peress li jissodisfaw l-imsemmija kundizzjoni, ma jistax jitqies li jmur kontra l-prinċipju ta' proporzjonalità. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li dan il-prinċipju, li jagħmel parti mill-prinċipji ġenerali tad-dritt u li l-osservanza tiegħu hija għalhekk imposta fuq l-Istati Membri meta jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 40 ta' din is-sentenza, jeżiġi li l-mezzi implimentati jkunu xierqa sabiex jintlaħqu l-għanijiet leġittimi mfittxija mil-leġiżlazzjoni kkonċernata u ma jmorrux lil hinn minn dak li jkun neċessarju sabiex dawn jintlaħqu (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-21 ta' Frar 2008, Netto Supermarkt, C-271/06, EU:C:2008:105, punt 19 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tat-8 ta' Diċembru 2020, L-Ungerija vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-620/18, EU:C:2020:1001, punt 111).

51 Issa, fid-dawl tal-urġenza li kien hemm li tiġi stabbilita l-miżura ta' limitu massimu tad-dħul imposta mir-Regolament 2022/1854, u dan bil-għan ta' protezzjoni tal-klijenti finali tal-elettriku, kif ukoll tan-natura eċċezzjonali u limitata fiż-żmien ta' din il-miżura, l-użu ta' preżunzjonijiet,

inkluż, jekk ikun il-każ, inkonfutabbli, sabiex jiġi ddeterminat b'mod preċiż l-ammont tad-dħul li għalih għandha tiġi applikata l-imsemmija miżura jidher proporzjonat, sakemm, kif issemma fil-punt 48 ta' din is-sentenza, dawn jippermettu li jinkisbu stimi raġonevoli tal-imsemmi dħul, li jirrappreżentaw ir-realtà tas-suq matul il-perijodu kkunsidrat.

52 Peress li l-evalwazzjoni konkreta tal-punt dwar jekk preżunzjoni partikolari tissodisfax din il-kundizzjoni hija ta' natura fattwali, din taqa' taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet nazzjonali, li jaġixxu taħt l-istħarriġ tal-qrati nazzjonali, f'dan il-każ il-qorti tar-rinviju. Madankollu, skont il-ġurisprudenza stabbilita tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja, meta tagħti deċiżjoni dwar rinviju għal deċiżjoni preliminari, tista' tagħtiha preċiżazzjonijiet intiżi li jiggwidawha fl-evalwazzjoni tagħha (ara, b'analoġija, is-sentenzi tal-21 ta' Frar 2006, Halifax *et*, C-255/02, EU:C:2006:121, punt 77, kif ukoll tal-11 ta' Jannar 2024, Nárokuj, C-755/22, EU:C:2024:10, punt 42).

53 Għalhekk, għall-finijiet ta' din l-evalwazzjoni, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-elementi fattwali u tekniċi kollha li jikkaratterizzaw mhux biss is-sitwazzjoni tal-operaturi u tal-impjanti kkonċernati, iżda wkoll is-suq nazzjonali tal-elettriku. Għalhekk, b'mod partikolari, jistgħu jkunu rilevanti f'dan ir-rigward il-portata, fid-dawl ta' dawn il-partikolaritajiet, tal-ostakoli għall-ġbir u għall-kontroll tad-data li jippermettu li jiġi ddeterminat, f'perijodu ta' żmien kompatibbli mal-urġenza li jintlaħaq l-għan ta' protezzjoni tal-klijenti finali tal-elettriku, id-dħul eżatt tal-impjanti jew tal-operaturi suġġetti għall-miżura ta' limitu massimu inkwistjoni, kif ukoll il-punt dwar jekk il-preżunzjonijiet stabbiliti humiex preċiżi biżżejjed sabiex jiġi evitat li jkun hemm sopravalutazzjoni jew sottovalutazzjoni sinjifikattiva tad-dħul miksub mill-operaturi kkonċernati, u l-punt dwar jekk jeżistix mekkaniżmu korrettiv li jkun jippermetti, jekk ikun il-każ, lill-operaturi jew lill-awtoritajiet nazzjonali jinvokaw id-dħul reali sabiex jirrettifikaw ir-riżultat ta' dawn il-preżunzjonijiet jekk dawn ma jwasslux għal stimi raġonevoli, li jirrappreżentaw ir-realtà tas-suq matul il-perijodu kkunsidrat.

54 Barra minn hekk, fid-dawl ta' dak li ġie kkonstatat fil-punt 40 ta' din is-sentenza, ma huwiex neċessarju għall-Qorti tal-Ġustizzja li tagħti deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 288 TFUE mitluba mill-qorti tar-rinviju.

55 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, hemm lok li r-risposta għall-ewwel u għat-tieni domanda tkun li l-Artikoli 6 sa 8 tar-Regolament 2022/1854, moqrija flimkien mal-punti 5 u 9 tal-Artikolu 2 tiegħu kif ukoll mal-prinċipju ta' proporzjonalità, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li permezz tagħha l-ammont tad-dħul li għalih japplika limitu massimu fuq id-dħul mis-suq previst b'applikazzjoni ta' dan l-Artikolu 8 ikun iddeterminat, skont l-impjanti ta' ġenerazzjoni tal-elettriku koperti, jew abbażi ta' preżunzjonijiet inkonfutabbli, jew abbażi ta' preżunzjonijiet konfutabbli, iżda li jistgħu jiġu kkonfutati biss, minn naħa, billi jiġi ġġustifikat id-dħul reali miksub mill-impjanti kollha tal-operatur ikkonċernat u, min-naħa l-oħra, permezz ta' preżunzjonijiet oħra, sakemm dawn il-preżunzjonijiet jippermettu li jinkisbu stimi raġonevoli tal-imsemmi dħul, li jirrappreżentaw ir-realtà tas-suq matul il-perijodu kkunsidrat.

Fuq it-tielet domanda

56 Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikoli 6 sa 8 u l-Artikolu 22(2)(c) tar-Regolament 2022/1854, moqrija flimkien mal-Artikolu 288 TFUE kif ukoll mal-prinċipji ta' supremazija u ta' effettività tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll ta' kooperazzjoni leali, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali

adottata wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament li tipprevedi l-applikazzjoni ta' miżura ta' limitu massimu tad-dħul mis-suq simili għal dik li l-imsemmi regolament jimponi l-istabbiliment tagħha, iżda għal perijodu preċedenti għal dak stabbilit mill-istess regolament.

57 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament 2022/1854, dan tal-aħħar daħal fis-seħħ fil-ġurnata ta' wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, jiġifieri fit-8 ta' Ottubru 2022. Skont l-Artikolu 22(2)(c) ta' dan ir-regolament, l-Artikoli 6, 7 u 8 tiegħu applikaw mill-1 ta' Diċembru 2022 sat-30 ta' Ġunju 2023.

58 Issa, minn ebda dispożizzjoni tar-Regolament 2022/1854 ma jirriżulta li dan japplika għal miżura ta' limitu massimu tad-dħul stabbilita minn leġiżlazzjoni nazzjonali għal perijodu preċedenti għad-dħul fis-seħħ tiegħu u lanqas, *a fortiori*, li tali leġiżlazzjoni għandha tosserva l-kundizzjonijiet previsti minn dan ir-regolament. Għaldaqstant, hekk kif irrileva wkoll l-Avukat Ġenerali fil-punt 59 tal-konklużjonijiet tiegħu, fl-assenza ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni f'dan il-qasam, applikabbli *ratione temporis*, ma jistax jitqies li l-Istati Membri huma mċaħħda mill-possibbiltà li jeżerċitaw il-kompetenzi tagħhom, f'dan il-każ billi jadottaw miżura ta' limitu massimu tad-dħul mis-suq li tixbah lil dik li r-Regolament 2022/1854 jimponi l-istabbiliment tagħha, iżda b'kamp ta' applikazzjoni *ratione temporis* differenti minn dak previst minn dan ir-regolament, jew jistgħu jeżerċitaw tali possibbiltà biss bla ħsara għal awtorizzazzjoni espressa f'dan is-sens mil-leġiżlatur tal-Unjoni.

59 Il-fatt li tali leġiżlazzjoni nazzjonali ġiet adottata minkejja li l-imsemmi regolament kien diġà fis-seħħ huwa irrilevanti f'dan ir-rigward. Fil-fatt, ebda waħda mid-dispożizzjonijiet tal-istess regolament ma tindika li, bl-adozzjoni tiegħu, il-leġiżlatur tal-Unjoni ried iċaħħad lill-Istati Membri minn din il-possibbiltà jew ried jissuġġetta l-eżerċizzju tagħha għal tali awtorizzazzjoni. Għall-kuntrarju, kif jirriżulta mill-formulazzjoni tal-Artikolu 8(1) tar-Regolament 2022/1854, il-leġiżlatur tal-Unjoni ppreveda espressament il-possibbiltà li l-Istati Membri jintroduċu jew iżommu miżuri ta' limitu massimu tad-dħul mis-suq iktar stretti mil-limitu massimu previst fl-Artikolu 6(1) ta' dan ir-regolament. F'dan is-sens ukoll, il-premessa 1 tal-imsemmi regolament tenfasizza li kienu ġew osservati prezzijiet għoljin ħafna fis-swieq tal-elettriku mix-xahar ta' Settembru 2021 u li l-gwerra ta' aggressjoni tal-Federazzjoni tar-Russja kontra l-Ukraina kienet wasslet għal żidiet sinjifikattivi ġodda kif ukoll għal volatilità ikbar tal-prezz tal-elettriku. Barra minn hekk, il-leġiżlatur tal-Unjoni rrileva, fil-premessa 5 tal-istess regolament, li l-Istati Membri kollha ġew affettwati minn din il-kriżi tal-enerġija, minkejja li b'mod differenti, u mill-premessa 28 tiegħu jirriżulta li sa mix-xahar ta' Frar 2022 kienet ġiet osservata żieda estrema u fit-tul fil-prezzijiet.

60 Dawn l-elementi jindikaw li huwa b'għarfien sħiħ tal-possibbiltà tal-Istati Membri li jaġixxu fil-kuntest tal-kompetenzi tagħhom, fid-dawl tal-karatteristiċi partikolari tas-swieq nazzjonali tagħhom, li l-leġiżlatur tal-Unjoni ddeċieda li ma jirregolax, fil-livell tal-Unjoni, il-limitu massimu tad-dħul mis-suq lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni *ratione temporis* li huwa ppreveda fir-Regolament 2022/1854, u lanqas, *a fortiori*, li jċaħħad lill-Istati Membri mill-kompetenza tagħhom li jirregolaw din il-kwistjoni għal perijodu preċedenti għall-perijodu ta' applikazzjoni previst f'dan ir-regolament.

61 F'dan ir-rigward, ċertament, kif diġà tfakkar fil-punt 40 ta' din is-sentenza, l-Istati Membri għandhom jeżerċitaw il-kompetenzi tagħhom b'osservanza tad-dritt tal-Unjoni. Madankollu, f'dan il-każ, minbarra d-domandi li l-qorti tar-rinviju indikat fl-ewwel u fit-tieni domanda tagħha, mit-talba għal deċiżjoni preliminari ma jirriżultax li din il-qorti għandha dubju dwar

il-kompatibbiltà fil-mertu tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tat lok għat-tilwim fil-kawżi prinċipali ma' dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni li jistgħu, min-naħa tagħhom, japplikaw *ratione temporis*.

62 La l-Artikolu 288 TFUE u lanqas il-prinċipji ta' supremazija u ta' effettività tad-dritt tal-Unjoni jew ta' kooperazzjoni leali ma jistgħu, f'dan il-każ, jiġġustifikaw evalwazzjoni differenti.

63 Minn naħa, la l-Artikolu 288 TFUE u lanqas il-prinċipji ta' supremazija u ta' effettività tad-dritt tal-Unjoni ma jistgħu jbiddlu l-kamp ta' applikazzjoni ta' regolament kif ġie deċiż mil-leġiżlatur tal-Unjoni.

64 Min-naħa l-oħra, huwa veru li, skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE, l-Istati Membri għandhom jastjenu, b'mod partikolari, minn kull miżura li tista' tipperikola t-twettiq tal-għanijiet tal-Unjoni. Madankollu, fid-dawl, b'mod partikolari, ta' dak li ġie kkonstatat fil-punt 60 ta' din is-sentenza kif ukoll tal-fatt li l-implimentazzjoni ta' miżura ta' limitu massimu tad-dħul simili għal dik prevista mir-Regolament 2022/1854 tfittex li tilħaq neċessarjament, min-natura tagħha, għanijiet kompatibbli ma' dawk ta' dan ir-regolament, ma jistax jitqies li, billi japplika, fil-livell nazzjonali, tali miżura qabel ma din tkun meħtieġa fil-livell tal-Unjoni, Stat Membru jikser dan il-prinċipju.

65 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għat-tielet domanda għandha tkun li l-Artikoli 6 sa 8 u l-Artikolu 22(2)(c) tar-Regolament 2022/1854, moqrija flimkien mal-Artikolu 288 TFUE kif ukoll mal-prinċipji ta' supremazija u ta' effettività tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll ta' kooperazzjoni leali, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali adottata wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament li tipprevedi l-applikazzjoni ta' miżura ta' limitu massimu tad-dħul mis-suq simili għal dik li l-imsemmi regolament jimponi l-istabbiliment tagħha, iżda għal perijodu preċedenti għal dak stabbilit mill-istess regolament.

Fuq l-ispejjeż

66 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-Artikoli 6 sa 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1854 tas-6 ta' Ottubru 2022 dwar intervent ta' emerġenza biex jiġu indirizzati l-prezzijiet għoljin tal-enerġija , moqrija flimkien mal-punti 5 u 9 tal-Artikolu 2 tiegħu kif ukoll mal-prinċipju ta' proporzjonalità,

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

dawn ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li permezz tagħha l-ammont tad-dħul li għalih japplika limitu massimu fuq id-dħul mis-suq previst b'applikazzjoni ta' dan l-Artikolu 8 ikun iddeterminat, skont l-impjanti ta' ġenerazzjoni tal-elettriku koperti, jew abbażi ta' preżunzjonijiet inkonfutabbli, jew abbażi ta' preżunzjonijiet konfutabbli, iżda li jistgħu jiġu kkonfutati biss, minn naħa, billi jiġi ġġustifikat id-dħul reali miksub

mill-impjanti kollha tal-operatur ikkonċernat u, min-naħa l-oħra, permezz ta' preżunzjonijiet oħra, sakemm dawn il-preżunzjonijiet jippermettu li jinkisbu stimi raġonevoli tal-imsemmi dħul, li jirrappreżentaw ir-realtà tas-suq matul il-perijodu kkunsidrat.

2) **L-Artikoli 6 sa 8 u l-Artikolu 22(2)(c) tar-Regolament 2022/1854, moqrija flimkien mal-Artikolu 288 TFUE kif ukoll mal-prinċipji ta' supremazija u ta' effettività tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll ta' kooperazzjoni leali,**

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

dawn ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali adottata wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament li tipprevedi l-applikazzjoni ta' miżura ta' limitu massimu tad-dħul mis-suq simili għal dik li l-imsemmi regolament jimponi l-istabbiliment tagħha, iżda għal perijodu preċedenti għal dak stabbilit mill-istess regolament.

Firem